2) Id-dispożizzjonijiet tal-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ikkunsidrati flimkien mal-Artikolu 25 kif ukoll mal-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 għandhom jiġu interpretati fis-sens li r-rifjut li jiġi eżegwit mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-eżekuzzjoni ta' sentenza li tipprevedi piena li ċċaħħad il-libertà u r-rikonoxximent tas-sentenza ta' kundanna mingħajr ma din ġiet effettivament eżegwita permezz tal-priġunerija tal-persuna kkundannata bħala riżultat tal-maħfra u tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-piena konformement mal-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni u mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tal-Istat fejn ingħatat is-sentenza tal-kundanna fil-kuntest tal-proċedura ta' rikonoxximent, [jimplikaw] it-telf tad-dritt tal-Istat fejn ingħatat is-sentenza tal-kundanna li jipproċedi bl-eżekuzzjoni tal-piena konformement mal-Artikolu 22(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909?

3) L-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandu jiġi interpretat fis-sens li sentenza ta' kundanna għal piena li ċċaħħad il-libertà li għaliha jkun inħareġ mandat ta' arrest Ewropew li ġie miċħud skont il-punt 6 tal-Artikolu 4 [ta' din l-istess deċiżjoni qafas], bir-rikonoxximent tas-sentenza iżda mingħajr infurzar effettiv permezz tal-priġunerija tal-persuna kkundannata bħala riżultat tal-maħfra u tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-piena konformement mal-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni u mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tal-Istat fejn ingħatat is-sentenza tal-kundanna fil-kuntest tal-proċedura ta' rikonoxximent, titlef is-saħħa eżekuttiva tagħha?

4) Id-dispożizzjonijiet tal-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandhom jiġu interpretati fis-sens li deċiżjoni ġudizzjarja li tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-eżekuzzjoni ta' sentenza li tipprevedi piena li ċċaħħad il-libertà u li tirrikonoxxi s-sentenza ta' kundanna skont il-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, iżda li ma ġietx eżegwita permezz tal-priġunerija tal-persuna kkundannata bħala riżultat tal-maħfra u tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-piena konformement mal-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni (Stat Membru tal-Unjoni) u mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tal-Istat fejn ingħatat is-sentenza tal-kundanna fil-kuntest tal-proċedura ta' rikonoxximent, tikkostitwixxi sentenza ta' "kundanna għall-istess fatti minn pajjiż terz"?

Fil-każ li r-risposta għar-raba' domanda hija fl-affermattiv,

5) Id-dispożizzjonijiet tal-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandhom jiġu interpretati fis-sens li deċiżjoni ġudizzjarja li tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-eżekuzzjoni ta' sentenza li tipprevedi piena li ċċaħħad il-libertà u li tirrikonoxxi s-sentenza ta' kundanna skont il-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, bis-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-piena konformement mal-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni tikkostitwixxi "sentenza li qed tiġi eżegwita" fil-każ fejn is-superviżjoni tal-persuna kkundannata għadha ma bdietx?

(1) ĠU 2008, L 327, p. 2.
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45).

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fid-9 ta' Marzu 2022 – Finanzamt Hamm vs Harry Mensing

**(Kawża C-180/22)**

(2022/C 222/27)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzhof

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Finanzamt Hamm

*Konvenut:* Harry Mensing

**Domandi preliminari**

1) F'ċirkustanzi bhal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fihom persuna taxxabbli tinvoka, abbażi tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Novembru 2018, Mensing ([1]), il-fatt li l-provvista ta' oġġetti tal-arti li ġiet ikkunsinnata lilha mingħand l-awtur (jew l-aventi kawża tiegħu) fil-kuntest ta' provvista intra-Komunitarja eżentata, taqa' wkoll taħt l-iskema ta' marġni tal-Artikolu 311 *et seq.* tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([2]), l-ammont taxxabbli għandu jiġi ddeterminat esklużivament abbażi tad-dritt tal-Unjoni, skont il-punt 49 ta' dik is-sentenza, b'mod li l-qorti nazzjonali li tiddeċiedi fl-aħħar istanza ma tistax tinterpreta dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali (f'dan il-każ, it-tielet sentenza tal-Artikolu 25a(3) tal-Umsatzsteuergesetz (il-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul mill-Bejgħ)) fis-sens li t-taxxa marbuta mal-akkwist intra-Komunitarju ma tagħmilx parti mill-ammont taxxabbli?

2) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, l-Artikolu 311 *et seq.* tad-Direttiva 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li fil-każ ta' użu tal-iskema ta' marġni fir-rigward ta' oġġetti tal-arti li kienu akkwistati preċedentement mill-awtur (jew l-aventi kawża tiegħu) fil-kuntest ta' provvista intra-Komunitarja, it-taxxa marbuta mal-akkwist intra-Komunitarju tnaqqas l-iskema ta' marġni jew hemm, f'dan ir-rigward, lakuna mhux intenzjonata tad-dritt tal-Unjoni li tista' biss titneħħa mil-leġiżlatur tal-Unjoni u mhux permezz tal-iżvilupp tal-ġurisprudenza?

([1]) C-264/17, EU:C:2018:968.
([2]) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Ġermanja) fil-11 ta' Marzu 2022 – FI vs Bayerische Motoren Werke AG**

**(Kawża C-192/22)**

(2022/C 222/28)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesarbeitsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* FI

*Konvenut:* Bayerische Motoren Werke AG

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ([1]) jew l-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprekludu l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali, bħalma huwa l-Artikolu 7(3) tal-Bundesurlaubgesetz (il-Liġi Federali dwar il-Leave), li skontha d-dritt ta' ħaddiem għal-leave annwali mħallas miksub fil-fażi tax-xogħol ta' relazzjoni ta' xogħol part-time fil-kuntest ta' rtirar progressiv mix-xogħol li jkun għadu ma ġiex eżerċitat jintilef fil-fażi ta' dispensa mix-xogħol fit-tmiem tas-sena ta' riferiment tal-leave jew f'data sussegwenti?

   Fil-każ ta' risposta negattiva mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel domanda:

2) L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE jew l-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jipprekludu l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali, bħalma huwa l-Artikolu 7(3) tal-Liġi Federali dwar il-Leave, li skontha d-dritt għal-leave annwali mħallas, li jkun għadu ma ġiex eżerċitat, ta' ħaddiem li, matul is-sena ta' riferiment tal-leave, jgħaddi mill-fażi tax-xogħol għall-fażi ta' dispensa mix-xogħol ta' relazzjoni ta' xogħol part-time fil-kuntest ta' rtirar progressiv mix-xogħol, jintilef fl-aħħar tas-sena ta' riferiment jew f'data sussegwenti, meta l-persuna li timpjega – mingħajr ma tkun issodisfat minn qabel l-obbligi tagħha ta' kooperazzjoni għar-realizzazzjoni tad-dritt għal leave – tkun tat lill-ħaddiem, konformement mat-talba tiegħu, il-leave annwali kollu għal perijodu li jippreċeda b'mod immedjat il-bidu tal-fażi ta' dispensa mix-xogħol, iżda d-dritt għal-leave ma jkunx seta' jiġi eżerċitat – tal-inqas parzjalment – minħabba inkapaċità għax-xogħol tal-ħaddiem ikkawżata minn marda wara l-għoti tal-leave?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381.